MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH A. APAP BOLOGNA

Seduta tad-9 ta' Mejju, 2007

Avviz Numru. 1198/1998/1

**Central Marine Limited**

**Vs**

**Advance Shipping Ltd**

Il-Qorti,

Rat l-avviz in esami li bih is-socjeta’ attrici talbet sabiex dik konvenuta tghid il-ghaliex ma ghandhiex tkun ikkundannata li jhallas lill-istess socjeta’ attrici s-somma ta’ sitt mija u sitta u erbghin lira Maltin u hamsa u ghoxrin centezmu (Lm646.25) import ta’ noll u local charges dovuti ghall-garr ta’ merkanzija mill-Ingilterra ghall-Malta fuq il-vapur Kaga fl-1 ta’ April 1998, kif jidher mill-prospett (Dok A), flimkien mall-imghax mill-1 ta’ April 1998.

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-mandat ta’ sekwestru tal-4 ta’ Gunju 1998 kontra s-socjeta’ konvenuta li hija ingunta ghas-subizzjoni kif ukoll l-imsemmi Dok A a fol 2 tal-atti.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-istess socjeta' konvenuta (fol 8 ibid) u li biha eccepiet bir-rispett:-

Preliminarjament, illi s-socjeta' konvenuta m'ghanda l-ebda relazzjoni guridika mas-socjeta' attrici u ghalhekk ghandha tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju fil-kontront tal-istess.

Illi sekondarjament, trid issir il-prova u l-verifika opportuna tal-kreditu pretiz mas-socjeta' attrici.

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat l-atti kollha tal-kawza specjalment dak verbalizzat a fol 118 tal-atti.

Semghet it-trattazzjoni da parti tas-socjeta' attrici.

Ikkunsidrat

Illi, kif jidher min-nota tal-eccezzjonijiet sottomessa mis-socjeta' konvenuta, din principalment, qed tikkontesta t-talba attrici ghax qed isostni illi hi ma ghandha l-ebda relazzjoni guridika mal-istess socjeta' attrici. Dwar dan il-punt Mario Tellus (fol 18 et seq ibid) prodott mis-socjeta' attrici esebixxa, in rigward l-inkarigu moghti lis-socjeta' rapprezentata minnu li kien jinvolvi zewg konsenji in rigward merkanzija mill-Ingilterra f' "groupage container" "zewg bills of lading" (fol 21 u fol 22 ibid), kif ukoll zewg "delivery orders" mibghuta lis-socjeta' konvenuta, meta l-istess merkanzija kienet waslet f'Malta (fol 23 u fol 24 ibid) u l-fatturi relattivi ghall-istess konsenji. Jigi notat minn dawn id-dokumenti illi l-istess delivery orders u fatturi kienu inhargu minn Central Marine Limited direttament lis-socjeta' konvenuta. L-istess xhud semma li, avolja ma setax jeskludi li kienu nhargu "statements" ohra intestati "Valletta Freight Services Limited" is-socjeta' konvenuta kienet qed thallas debitu li kellha ma' dik attrici izda "ghal xi raguni li jiena ma nafx, huma ma hallsux". In oltre, hu sostna, testwalment, "jiena nghid li l-'agreement' originali in konnessjoni mal-kaz in esami kien sar bejn is-

socjetajiet partijiet f'dan il-kaz". In kontro esami, hu ammetta li precedentament "…. ix-xoghol kien isir mill-Valletta Freight Services Limited (li maghha hu wkoll impjegat, bl-istess kariga)" izda "ma niftakarx ezattament meta kienu hadu 'over' Central Marine Limited pero' dan zgur madwar tlett snin ilu". Hu kompla jispjega ulterjorment illi s-socjeta' Valletta Freight Services Limited hija "mother company" u tiehu hsieb li jintbaghtu l-"istatements" kollha in rigward is-socjetajiet sussidjarji taghha fosthom dik attrici. Fl-ahharnett hu specifika illi "Valletta Freight Services Limited" ma ghandha tiehu xejn minghand is-socjeta' konvenuta. L-istess xhud riprodott, (fol 42 et seq ibid) esebixxa l-original taz-zewg "delivery orders" esebiti a fol 23 u fol 24 ibid u dan ghar-raguni specifikata fl-istess xhieda. Di fatti jidher, minn dawn id-dokumenti, illi huma intestati bl-isem tas-socjeta' attrici u kienu gew iffirmati mir-rapprezentant tas-socjeta' konvenuta. In oltre fuqhom jinsab it-timbru tal-istess socjeta' attrici. Fl-ahhar nett, hu spjega x'kienet ir-raguni ghaliex fuq il-"bills of lading" esebita hemm indikat l-isem ta' Valletta Freigth Services Limited (ara fol 44 u fol 45 mit-tielet (3) paragrafu sal-ahhar). Jigi notat ukoll li l-istess xhud kien gie riprodott ghat-tielet u raba' darba sabiex jesebixxi "faxes" li kienu ntbaghtu mis-socjeta' attrici lil dik konvenuta u "…. li kienu ntbaghtu mal-merkanzija stess (ara fol 71 sa fol 73 kif ukoll fol 103 et seq ibid).

Ikkunsidrat

Illi s-socjeta' konvenuta pproduciet zewg xhieda cioe' Terence Cachia u Joseph German, it-tnejn Diretturi tal-istess socjeta' konvenuta. L-ewwel xhud (fol 32, fol 56 u fol 112 et seq ibid) sostna li kien dejjem ircieva "statements" minghand is-socjeta' "Valletta Freigth Services Limited" u a basi ta' dan kif ukoll taz-zewg "bills of lading" gja msemmija u aserixxa illi kellu relazzjoni guridika ma' dan is-socjeta' biss, anzi in rigward in-negozju imsemmi fl-avviz, qatt ma ircevejna xi korrispondenza mid-ditta "Central Marine Limited" (ara fol 37 sa fol 40 ibid u fol 63 u fol 64 ibid). Pero', sussegwentament, kif qal hu li "in rigward il-korrispondenza l-aktar li kien jiehu hsiebha kienu Joseph

German….”. Di fatti, hu qatt ma kien ra d-”delivery orders” esebiti a fol 46 u fol 47 ibid kif ukoll il-fatturi esebiti a fol 48 u fol 49 ibid. Fl-ahhar nett, hu qal li, in rigward dan il-kaz, l-ammont specifikat fl-avviz ma kienx thallas, minghajr, pero’ ma semma x’kienet ir-raguni u l-motiv ta’ dan in-nuqqas. In rigward it-tieni xhud (fol 35 u fol 59 et seq ibid) dan, ukoll, sema’ illi qatt ma kien ircieva xi korrispondenza jew “statements” dwar dan il-kaz minghand is-socjeta’ attrici. In kontro ezami, hu ammetta illi “pero’ kien hemm xi zmien meta kellna ftehim ‘on credit’ mal-istess socjeta’ attrici. Qed nirreferi ghal grupp tal-istess socjeta’ attrici”. Pero’ sussegwentament hu aserixxa “….. ahna dejjem konna involuti bhala Valletta Freight”.

Ikkunsidrat

Illi mill-valutazzjoni li saret tal-provi kif esposti, jidher, fuq bazi ta’ probabilita’, illi l-ammont in kwistjoni hu effetivament dovut lis-socjeta’ attrici u mhux lis-socjeta’ l-ohra bl-isem ta’ Valletta Freight Services. Konsegwentament l-ewwel eccezzjoni sottomessa mis-socjeta’ konvenuta ghandha tigi michuda. In rigward it-tieni eccezzjoni ghandu jinghad illi mill-istess provi irrizulta b’mod car u cert li l-ammont in kwistjoni hu dovut u ghalhekk anke din l-eccezzjoni ghandha tigi michuda.

Ikkunsidrat

Illi, ghalhekk, it-talba attrici, kif proposta, ghandha tigi akkolta. Ghal dawn il-motivi l-Qorti tilqa’ t-talbiet attrici u tikkundanna lis-socjeta’ konvenuta sabiex thallas lil dik attrici s-somma ta’ Lm646.25 bl-imghax legali mill-ewwel (1) ta’ April 1998 sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjez inklusi dawk tal-mandat ta’ sekwestru kawtelatorju tal-4 ta’ Gunju 1998.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------